**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum l-Erbgha 7 t'Ottubru, 2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**vs.**
**Reuben Alessandro Abela u**
**AA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Reuben Alessandro Abela bin-numru tal-karta tal-identita' 587090(M) u

AA, bin-numru tal-karta tal-identita' 94693(M)

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer bejn il-15 ta' Novembru 2008 u 7 ta' Dicembru 2008 minn gewwa Paceville, San Giljan:

1. talli fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Novembru, 2008, f'xi hin bejn il-hdax u nofs u nofs siegha ta' filghodu minn gewwa l-Koyote Bar li jinsab gewwa Triq Santa Rita, San Giljan, ikkommettew serq ta' handbag, flus kontanti u dokumenti ohrajn li l-valur taghhom ma jaqbizx l-mitejn tlieta u tletin Ewro (€233) ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-'hin'.

2. U aktar talli fil-lejl ta' nhar is-7 ta' Dicembru, 2008, ghal habta ta' tlieta u kwart ta' filghodu minn gewwa l-Havana Bar li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ikkommettew serq ta' handbag, flus kontanti, mobile phone tal-ghamla Samsung u dokumenti ohrajn li l-valur taghhom ma jaqbizx il-mitejn tlieta u tletin Ewro €233 ghad-dannu ta' Maria Mifsud, liema serq huwa aggravat bil-'hin'.

U akkuzat Rueben Abela wahdu talli:-

3. Fil-lejl ta' bejn il-15 u 16 ta' Novembru, 2008, f'xi hin bejn il-hdax u hdax u nofs minn gewwa l-121 Lounge, li jinsab gewwa Triq Santa Rita, San Giljan ikkommetta reat ta' zewg handbags, digital camera ta' ghamla mhux maghrufa, flus kontanti li l-valur taghhom ma jaqbizx il-mitejn tlieta u tletin Ewro €233 ghad-dannu ta' Stephanie Bernardette u Joanna Dingli, liema serq huwa aggravat bil-'hin'.
4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-28 ta' Novembru u 29 ta' Novembru 2008, ghal habta ta' nofs il-lejl minn gewwa Shadows Bar li jinsab gewwa Triq San Rita, San Giljan ikkommettew serq ta' gakketta ta' kulur griza ta' ditta mhix maghrufa li l-valur taghhom ma jaqbizx il-mitejn tlieta u tletin Ewro €233 ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-'hin'.
5. Fil-lejl ta' bejn il-5 u 6 ta' Dicembru, 2008, f'xi hin bejn il-hdax u siegha ta' filghodu minn gewwa l-Havana, li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan ikkommetta serq ta' handbag, mobile phone tal-ghamla Samsung, flus kontanti u dokumenti ohrajn li l-valur taghhom ma jaqbizx il-mitejn tlieta u tletin Ewro €233 ghad-dannu ta' Samantha Scerri, liema serq huwa aggravat bil-'hin'.
6. Fil-lejl ta' bejn il-5 u 6 ta' Dicembru, 2008, f'xi hin bejn il-hdax u tlieta u nofs ta' filghodu minn gewwa l-Havana, li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' handbag, li l-valur tieghu ma jaqbizx il-mitejn tlieta u tletin Ewro €233 ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-'hin'.
7. Fil-lejl ta' bejn il-5 u 6 ta' Dicembru, 2008, f'xi hin bejn tlieta u tlieta u nofs minn gewwa l-Havana li jinsab geww Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' handbag, mobile phone tal-ghamla Motorola, flus kontanti u dokumenti ohrajn li l-valur taghhom ma jaqbizx il-mitejn tlieta u tletin Ewro €233 ghad-dannu ta' Amanda Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-'hin'.

8. U aktar talli kiser ordni tal-Qorti li ma jghamilx reat iehor, b'sentenza tl-Qorti tal-Magistrati (Mgt. Dr. L. Quintano LL.D.), nhar it-18 ta' Gunju, 2007, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

U akkuzat AA wahdu:

9. Talli f'dawn il-gzejjer f'xi hin ta' bejn 29 ta' Novembru, 2008 u l-Hadd 7 ta' Dicembru 2008, filwaqt li kien gewwa San Gwann laqa' ghandu hwejjeg misruqin u cioe' gakketta griza li l-valur taghha ma jeccedix il-mitejn tlieta u tletin Ewro (€233) ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-hin.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fit-23 ta' Dicembru, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputati ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2009, l-imputat AA irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2011 l-imputat Reuben Alessandro Abela rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Mill-provi prodotti u mill-ammissjoni taghhom stess, il-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li kif jidher mill-istqarrijiet tal-imputati li gew esebiti, l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-maggor parti tal-affarijiet li nsterqu kienu gew ritornati.

Inoltre, ghalkemm hemm diversi imputazzjonijiet ta' serq, il-valur tal-affarijiet misruqa f'kull serqa ma kienx jaqbez €233.00.

Ghal fini ta' piena, l-Qorti se tikkonsidra r-reati ta' serq bhala reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u ser izzid il-piena bi grad.

L-imputat AA ghamel ammissjoni bikrija fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri. Ghalkemm l-imputat Rueben Abela ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih fi stadju iktar avvanzat ta' dawn il-proceduri, il-Qorti xorta se tatih beneficcju talli ammetta, stante li ma heliex il-hin tal-Qorti u tal-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-imputat Reuben Alessandro Abela, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li minkejja li huwa kellu biss tmintax (18)-il sena meta kkommetta r-reati in kwistjoni, il-fedina penali tieghu ma kinietx felici. Fil-fatt, fil-fedina penali aggiornata tieghu ghandu tminn (8) kundanni, il-maggor parti taghhom ta' serq. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat Abela kien leali lejn il-Qorti u ammetta li minn eta zghira l-imputat Abela ikkommetta numru ta' reati ghalkemm ta' entita zghira. Huwa vera li mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon jirrizulta li l-imputat Abela ghandu certu problemi ta' personalita u ma jerfghax ir-responsabbilita ta' eghmilu.[1] Pero dawn il-Qrati tawh diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu u jitbieghed mill-hajja kriminali, inkluz permezz ta' zewg Ordnijiet tal-Probation, imma l-imputat Abela baqa' ma tghallimx. Fl-ahhar l-imputat Abela inghata piena ta' habs effettiv, biex din isservih ta' deterrent u jibda jifhem x'ikunu l-konsegwenzi jekk

---

[1] Ara xhieda ta' Marietta Lanzon a fol. 30-31 tal-process.

ikompli sejjer bil-hajja li kien qabad. Wara li skonta l-piena ta' prigunerija, jidher li l-imputat Abela tghallem il-lezzjoni u lest li jipprova jirriforma ruhu. Ghalhekk, din il-Qorti sejra taghti opportunita ohra lill-imputat Abela sabiex jirriforma ruhu u mhux ser timponi piena ta' habs effettiv, lanqas meta se titratta mieghu ghal ksur tal-Ordni ta' Probation li kellu.

Rigward il-ksur tal-Ordni ta' Probation li l-imputat Abela kellu mposta fuqu kif stipulat fit-tminn (8) imputazzjoni, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li meta kkommetta r-reati li ghalihom inghata l-Ordni ta' Probation, huwa kellu sittax (16)-il sena, u li ammetta ghal dawn ir-reati fi stadju bikri tal-proceduri kriminali. Il-Qorti ikkalkulat il-piena ghal dawn ir-reati bil-mod segwenti: tlett (3) xhur habs ghall-ewwel reat ta' attentat ta' serq aggravat bil-valur, bin-natura tal-haga misruqa u bil-lok, hames (5) xhur habs ghat-tieni reat ta' serq aggravat bil-valur li huwa inqas minn Lm1000, u xahar habs ghat-tielet reat ta' serq semplici. Bir-regoli tal-konkors ta' reati u pieni ai termini tal-Artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, il-piena totali hija ta' sitt xhur u ghaxart (10) ijiem habs. Pero, peress li meta kkommetta r-reati, l-imputat kellu sittax (16)-il sena, il-piena trid titnaqqas b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 37(2) tal-Kodici Civili. Skont l-iskala tal-pieni kontemplata fl-Artikolu 31(1) tal-Kodici Civili, meta wiehed jinzel zewg gradi mill-erbatax (14)-il grad – il-piena ta' sitt xhur prigunerija, il-piena applikabbli hi dik ta' prigunerija ghal mhux aktar minn ghoxrin gurnata, detenzjoni jew ammenda. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hi tal-opinjoni li piena karcerarja jew ta' detenzjoni mhix idonea ghal kaz, u ghalhekk se tikkundanna lill-imputat ghal ammenda.

Rigward, l-imputat AA, dan kellu biss hmistax(15)-il sena meta ikkommetta t-tlett (3) reati li taghhom instab hati. Peress, li fl-opinjoni tal-Qorti, ir-reati gew kommessi b'hazen, l-Artikolu 37(2), u l-Qorti ser tnaqqas il-piena b'zewg gradi. Il-fedina penali tieghu m'hi xejn felici meta wiehed jikkonsidra l-eta zghira tieghu. Fil-fatt huwa ghandu erba' kundanni, wahda ta' offiza fuq il-persuna ta' ghalliema, ohra ta' ricettazzjoni, ohra ta' ksur ta' digriet ghal helsien mill-arrest, u l-ahhar wahda ta' ghaxar reati ta' serq, zewg reati ta' serq aggravat u reat ta' offiza hafifa fuq il-persuna. Pero il-Qorti ser taghtih l-ahhar opportunita sabiex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita li qabad, u mhux ser ittih piena karcerarja effettiva.

**Konkluzjoni**

*Fil-konfront tal-Imputat Rueben Alessandro Abela*

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 261(f), 270 u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Rueben Alessandro Abela hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos milli jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

Inoltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Rueben Alessandro Abela hati tat-tminn imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tat-18 ta' Gunju 2007 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ta' probation maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikoli 18, 37(2), 41(1)(a), 261(c),(e),(g), 267, 269(e), 271(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Rueben Alessandro Abela ghal ammenda ta' tmienja u hamsin Euro (€58.00), li ghandha tithallas minnufih. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont, dan l-ammont ghandu jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

*Fil-Konfront tal-Imputat AA*

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 37(2), 261(f), 270, 281(a) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat AA hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett (3) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos milli jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat AA jew xi wahda mill-konnotazzjonijiet tieghu, peress li huwa kien taht l-eta ta' sittax (16)-il sena meta wetttaq ir-reati msemmija.

**(ft) Magistrat**

**Vera kopja**

**Deputat Registratur**